**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar, 2024**

**Talba Nru: 163/2023MD**

**Food Mania Limited C 62485**

**Vs**

1. **Palooza Limited C 101818**
2. **Maximiliano Elvio Pignataro (ID 286081A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-5 ta' Mejju, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu *in solidum* bejniethom is-somma ta' tlett'elef, mitejn, ħamsa u tletin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżimu (€3,235.24) rappreżentanti bilanċ dovut għal prodotti ordnati mis-soċjeta konvenuta Palooza Limited u ikkonsenjati lilha mis-soċjeta' attriċi u l-konvenut Maximiliano Elvio Pignataro in forza tal-garanzija solidali minnu ffirmata favur is-soċjeta' attriċi, li l-konvenuti naqsu li jissaldaw mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi; bl-ispejjeż, u l-imgħax legali mill-1 ta' Mejju 2023 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati bl-Avviż, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u s-soċjeta' konvenuta Palooza Limited lanqas ma dehret għas-

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.

seduti tal-24 ta' Ottubru, 2023,[2] tat-30 ta' Jannar, 2024,[3] u tal-1 ta' Frar, 2024[4], filwaqt li l-konvenut Maximiliano Elvio Pignataro ma dehrx għas-seduti ta' tat-30 ta' Jannar, 2024,[5] u tal-1 ta' Frar, 2024[6].

Ra l-Kapitolu li gie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2023[7] u fil-fatt il-konvenuti ma dehrux sabiex jirrispondu għalih għas-seduta tal-1 ta' Frar, 2023.[8]

Ra x-xhieda ta' Maurizio Napolitano[9] fil-vesti ta' direttur tas-soċjeta' attriċi li kkonferma li l-ammont ta' tlett'elef, mitejn, ħamsa u tletin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżimu (€3,235.24) għadu dovut mis-soċjeta' konvenuta Palooza Limited, kif jirriżulta mill-fattura li ppreżenta[10] u ilu dovut mill-1 ta' Mejju, 2023. Fir-rigward tal-konvenut Maximiliano Elvio Pignataro, huwa kien garanti tal-ammont imsemmi u ppreżenta skrittura.[11]

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ha konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-fattura u skrittura annessa mal-istess avviż, kif ukoll li ġew ikkonfermati minn Maurizio Napolitano[12] li jindika l-bilanċ dovut għal-prodotti ordnati u kkonsenjati fuq talba tas-soċjeta' konvenuta, l-ftehim iffirmat mil-konvenut, kif ukoll mix-xhieda ta' Maurizio Napolitano in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenuti jħallsu solidament is-somma ta' tlett'elef, mitejn, ħamsa u tletin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżimu (€3,235.24), bl-imgħax dekorribbli mil-1 ta' Mejju, 2023[13] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti in solidum.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

---

[2] *A fol* 16 tal-proċess.
[3] *A fol* 19 tal-proċess.
[4] *A fol* 21 tal-proċess.
[5] *A fol* 19 tal-proċess.
[6] *A fol* 21 *et seq* tal-proċess.
[7] *A fol* 20 tal-proċess.
[8] *A fol* 21 *et seq* tal-proċess.
[9] *Ibid*, xhieda datata 1 ta' Frar, 2024.
[10] *A fol* 23 tal-proċess.
[11] *A fol* 24 tal-proċess.
[12] *A fol* 23 *et seq* tal-proċess.
[13] Data skont il-fattura annessa mat-talba, *a fol* 4 tal-proċess u mix-xhieda ta' Maurizio Napolitano, *a fol* 21 *et seq* tal-proċess.